MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Numru 34/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Patrick Cutajar ta' 28 sena bin Emanuel u Angela nee' Cauchi, imwieled Rabat, nhar is-26 ta' April 1985, residenti fil-fond numru 182, Triq il-Wardija, Qala u detentur tal-karta ta'l-identita' 18085(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Patrick Cutajar li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-07 ta' Gunju 2009, ghal habta tat-tlieta ta' fil-ghodu (0300hrs) gewwa Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex:

a) seraq vettura tat-tip Mazda MX5 bin-numru ta' registrazzjoni G478YAE ghad-detriment ta' Gerald Christopher Stanger-Leathes, liema serq huwa aggravat bil-valur, xorta tal-haga misruqa, bil-hin u bil-mezz.

b) Ukoll talli fl-istess hin, jum u cirkustanzi ikkaguna hsara fuq il-vettura G478YAE, liema hsara hija aktar minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' Gerald Christopher Stanger-Leathes.

c) talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mil-Pulizija jew mill-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghal dik il-vettura, saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni G478YAE u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) talli saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni G478YAE meta ma kienx kopert b'polza ta'l-assigurazzoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan bi ksur ta'l-artikolu 3 tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta.

e) u aktar talli fl-istess post, data, hin u cirkustanzi waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura naqas li jkollu kontroll shih tal-vettura u vista shiha tat-triq u tal-vetturi;

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tal-15 ta' Dicembru 2011.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi ma ghandux oggezzjoni illi dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi minn qari tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali jirrizulta illi lill-imputat qed jigu addebitati r-reati dwar serq aggravat ta' vettura, hsara volontarja fuq l-

istess kif ukoll sewqan minghajr licenzja u minghajr polza ta'l-assikurazzjoni.

Illi fil-jum indikat fl-akkuza jidher illi l-imputat kien hareg ma' shabu u kien qed jiehu *drink* maghhom gewwa bar bl-isem The Creek, gewwa Marsalforn. Hemmhekk ukoll jidher illi kien hemm il-parti leza Gerald Christopher Stanger-Leathes li f'xi hin jidher illi hassu hazin u kellu jigi assistit mill-imputat sabiex jirritorna lejn l-appartament tieghu. Jidher illi sabiex kiseb access ghal dan l-appartament, l-imputat gie moghti mazz cwievet minn Stanger-Leathes li kienu jinkludu ukoll ic-cavetta tal-vettura tal-ghamla Mazda bin-numru ta' registrazzjoni barrani G478YAE.

Illi l-imputat isostni meta jixhed illi bhala ringrazzjament talli kien ghenu Stanger-Leathes offrielu biex imur dawra b'dina l-*isports car*. Meta jigi interrogat, izda, ma jirrakontax dana il-fatt lill-Ufficjal Investigattiv. Lanqas Stanger Leathes stess fix-xhieda tieghu ma ighid illi kien hu li ghadda l-vettura lill-imputat sabiex imur dawra biha. Tant hu hekk illi l-ghada fil-ghodu meta iqum, jinduna illi l-vettura hija nieqsa u allura imur jaghmel rapport ta' dan lill-pulizija. Dina l-vettura tinstab abbandunata mill-pulizija gewwa ghalqa fil-Qala. Jirrizulta illi kien fiha xi hsarat u ma setatx tinsaq. Il-Pulizija kisbu filmat minn CCTV installat f'stamperija li kien hemm fil-vicin. F'dana il-filmat tidher dina il-vettura kif ukoll il-persuna ta'l-imputat li jidher li nizel mill-vettura u telaq bil-mixi minn fuq il-post. Il-Pulizija ghalhekk irnexxielhom jasslu ghal persuna ta'l-imputat. L-imputat ghalhekk jigi arrestat u interrogat u anke jirritorna lill-pulizija ic-cwievet ta' Stanger-Leathes, kemm dawk ta'l-appartament kif ukoll tal-vettura. Il-vettura baqghet mizmuma fil-kustodja tal-pulizija billi ma kellhiex pjanci ta' registrazzjoni lokali u ghalhekk la il-licenzja tat-triq ma kienet imhallsa u lanqas kienet koperta b'polza ta'l-assikurazzjoni. Madankollu l-imsemmija vettura qatt ma giet esebieta fl-atti tal-kawza. Dana qed jinghad ghaliex allura kien impossibbli illi jigi stabbilit l-ammont tal-hsara li kellha dina l-vettura u jekk l-istess gietx ikkagjonata mill-imputat o meno. Il-parti leza stess fix-xhieda tieghu ighid illi kien impossibbli ghalih li igib stima

tal-hsarat billi l-vettura baqghet mizmuma fil-kustodja tal-pulizija. Lanqas il-Prosekuzzjoni ma tressaq talba sabiex jigi nominat espert biex jikkonstata dawn il-hsarat.

Ikkunsidrat,

Mill-provi akkwizti, ghalhekk jirrizulta bhala fatt mhux ikkontestat illi l-imputat kien fil-pussess ta’ dina il-vettura Mazda fil-lejl indikat fl-akkuza. Kif tajjeb tissottolinja d-difiza, madanakollu ma tingieb l-ebda prova dwar min hu is-sid ta’ din il-vettura, ghajr ghax-xhieda ta’ Stanger-Leathes innifsu li isostni illi dina l-vettura tappartjeni lilu. Ma hemmx dubbju, izda, illi dina l-vettura ma kenitx ta’l-imputat u kwindi l-ewwel element legali tar-reat tas-serq huwa sodisfatt billi dana jirrikjedi it-tehid ta’ oggett appartenenti lil haddiehor.

Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta’ dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett, imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-**CARRARA** [op.cit. Vol. IV , para. 2035:-
*“il dolo specifico del furto consiste nell’intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll’uso della cosa altrui.*
u
*“per lucro qui non s’intende un’ effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso.”*

Illi l-artikolu 288 tal-Kodici Kriminali, imbaghad jikkontempla is-sitwazzjoni fejn dana il-“qliegh” jew “godiment” ikun jikkonsisti biss fl-uzu tal-haga mehuda indebitament. Tghid hekk dina id-disposizzjoni tal-ligi:

“***Il-ħati jeħel il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet, meta, fil-każ ta’ serq sempliċi, l-utli li kellu fi ħsiebu, kien dak tal-uzu biss tal-haga, bil-hsieb li jroddha minnufih***.”

Illi ma hemmx dubbju f'dana il-kaz illi l-intenzjoni ta'l-imputat kien illi huwa imur idur dawra b'dina l-*isports car* jew dik li tissejjah komunament "*joy ride*". Ma hemmx provi fl-atti li jindikaw illi l-imputat kellu l-intenzjoni li jisraq dina il-vettura ghal xi skop iehor. Fil-fatt huwa spicca go ghalqa imwahhal, ma setax johrog minn hemm u ghalhekk iddecieda jabbanduna il-vettura f'dana il-post bil-hsieb illi l-ghada huwa iroddha lura. Ighid hekk fl-istqarrija tieghu:
"**Ma kelli ebda intenzjoni ta' xejn ridt immur dawra biha biss**."

Ikompli ighid hekk fl-istqarrija tieghu:
"**Jiena kont sejjer nara fejn nista' nahbiha biex ma tindunax biha ommi. U bil-hsieb li filghodu ninzel Marsalforn biha, biex nigbor il-karozza tieghi**."

Meta jixhed imbaghad ighid illi kien Stanger-Leathes stess li offrielu imur dawra bil-vettura u dana bhala ringrazzjament. Il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi ma temminx lill-imputat meta ighid dan. Li kieku dan kien minnu, kien jistqarru mal-ewwel meta gie interrogat mill-pulizija, izda xi haga importanti bhal din ma jghidiex fl-istqarrija tieghu. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi l-imputat kif sab li kellu ic-cwievet ta' dina l-*isports car* f'idu iddecieda imur dawra biha, bl-intenzjoni illi l-ghada fil-ghodu jehodha lura lil sidha. Kwindi l-Qorti ser issib htija ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 288 tal-Kapitolu 9.

Illi kif diga inghad dwar l-akkuza tal-hsara volontarja fuq dina il-vettura, ma hemmx l-icken prova fl-atti li tindika illi fil-fatt dina il-vettura kellha xi hsarat, u jekk kellha hsarat fiha, jekk dawn gewx ikkagjonati mill-imputat meta huwa saq dina l-vettura. Kwindi fin-nuqqas ta' provi, l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat minn dina l-akkuza.

Illi l-imputat jinsab ukoll akkuzat bir-reati ikkontemplati fil-Kapitolu 65 u il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' s-sewqan ta' vettura minghajr licenzja tat-triq u minghajr assikurazzjoni. Illi dawn l-akkuzi jirrizultaw ampjament ippruvati billi skond ix-xhieda ta' Saviour Farrugia, rapprezentant ta' Transport Malta jirrizulta illi dina il-vettura kienet ingiebet minn barra minn Malta u fil-fatt in-

numru ta' registrazzjoni ma kienx wiehed lokali. Ighid illi ma hemm l-ebda *records* dwar ir-registrazzjoni taghha mal-Awtorita. Kwindi ma hemmx dubbju illi dina l-vettura, fil-mument li instaqet mill-imputat la kelliex licenjza ghat-triq imhallsa, u wisq anqas kienet koperta b'polza ta'l-assikurazzjoni. L-imputat minn naha tieghu ma iressaq l-ebda prova biex jirribatti dina il-presunzjoni legali u dana kif dispost fl-artikolu 3(1B) tal-Kapitolu 104.

Illi finalment l-akkuzi li jikkoncernaw il-mod kif l-imputat saq il-vettura u cioe' jekk saqx b'mod perikoluz o meno jew inkella jekk kellux kontroll shih tal-vettura u vista shiha tat-triq waqt is-sewqan tieghu, lanqas ma gew sodisfacentement ippruvati. Ghalkemm l-imputat ighid illi dahal go ghalqa fejn il-vettura wehlet, madanakollu dana mhux sufficjenti bhala prova ghal sejbien ta' htija ghal dawn ir-reati. Kwindi l-imputat ser jigi illiberat ukoll minn dawn l-akkuzi.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 288 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mill-akkuzi dwar is-serq aggravat, il-hsara volontarja u mill-ahhar akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tar-reat tas-serq kif ikkontemplat fl-artikolu 288 tal-Kapitolu 9, kif ukoll tat-tielet u ir-raba akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' €2500.

Wara li rat l-artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tissosspendi il-licenzja tas-sewqan ta'l-imputat ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------